MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 102/2003/1

Rikors Nru: 102/03

Eyre Travel Limited

vs

Dr Vince Galea u PL Liliana Buhagiar nominati b'digriet ta' dan il-Bord tal-24 ta'Novembru, 2003 bhala kuraturi deputati ghan-nom u in rapprezentanza ta' inkwilini isimhom mhux maghruf

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Otturbu, 2003, fejn esponiet:

Illi in forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Pierre Cassar datat 14 ta' Frar, 1997, is-socjeta' rikorrenti kienet xtrat l-appartament interament markat bin-numru tnejn (2)

li jinsab  gewwa kumpless minghajr numru ufficjali estern izda bl-isem ta’ “OEA” f’Testaferrata Street, Msida;

Illi skond l-istess kuntratt ta’ akkwist, l-appartament in kwistjoni hawn precitat kien gie dikjarat bhala li jinsab mikri lil terzi;

Peress illi mid-data  tal-akkwist sa llum cioe’ mis-sena 1997 is-socjeta’ rikorrenta qatt ma giet avvicinata minn ebda  persuna li pprezenta ruhu bhala l-inkwilin ta’ l-istess u wisq anqas gew offruti l-hlas tal-kera relattiva;

U peress illi ghalhekk is-socjeta’ rikorrenta ghadha sal-gurnata tallum ma tafx min huwa l-inkwilin  u wisq anqas il-kundizzjonijiet tal-kirja;

U peress ukoll illi mid-data tal-fuq indikat kuntratt pubbliku sallum, l-appartament  in kwistjoni  baqa’ abbandunat u mhux uzat minn hadd tant illi l-katnazz li kienet ghamlet is-socjeta’ rikorrenta ftit wara l-kuntratt ta’ l-akkwist mal-bieb ta’ l-imsemmi appartament baqa’ indisturbat sal-gurnata ta’ llum;

Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenta titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet premessi jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-appartament precitat cioe’ Flat 2 OEA Testaferrata Street, Msida, u kwindi tordna lill-intimati nomine jizgumbraw il-barra minnu fi zmien qasir u perentorju iffissat minn dan il-Bord.

Ra r-risposta tal-kuraturi deputati li ssottomettew li huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irriservaw li jipprezentaw risposta opportuna fi stadju ulterjuri.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tad-29 ta’ Jannar, 2005.

Ikkunsidra:

1. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar is-socjeta' rikorrenti fl-14 ta' Frar, 1999 xtrat il-fond 'de quo' minghand Antonella Darmanin, Daniele McHarg u Graziella Delia, xhieda f'dawn il-proceduri.

2. Fil-kuntratt gie dikjarat li l-fond/appratament huwa mikri lil terzi.

3. F'xi zmien il-fond kien mikri li xi hadd Gerada li l-kuraturi deputati ghamlu kull ma setghu biex isibu ha jkollhom it-taghrif biex jaqdu dmirhom. Izda kien kollu ghal xejn.

4. Mix-xhieda jirrizulta li dan il-fond huwa maghluq u abbandunat. Aktarx li l-fuq imsemmi Gerada kien perit li kien juza l-fond bhala ufficcju. Is-socjeta' rikorrenti ghamlet katnazz mal-bieb biex tara jigiex ikellimha xi hadd. Izda hadd ma inqala. L-appartament hu wiehed minn ohrajn li tidhol ghalihom minn go bieb komuni imbaghad kull wiehed ghandu l-bieb tieghu. Ghadda z-zmien u l-fond baqa' fl-istess stat. Il-proceduri ma gewx kontestati u kellhom jinhatru kuraturi. Lis-socjeta' rikorrenti hadd ma hallasha kera.

5. Ghalhekk jirrizulta li l-fond hu maghluq, abbandunat u mhux uzat ghal zmien twil. Il-Bord jilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u jawtorizza lis-socjeta' Eyre Travel Limited li terga' tiehu f'idejha l-appartament interament market bin-numru tnejn (2) li jinsab gewwa kumpless minghajr numru ufficjali estern izda bl-isem ta' OEA, Triq Testaferrata, Msida.

6. Ghall-ghan ta' tkeccija jaghti hmistax-il jum millum, l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------